MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 50/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Novembru 1966, u minn dan iz-zwieg twieldu sebghat itfal, li llum tlieta biss huma hajjin, u dawn huma maggjorenni; li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' vjolenza, swat, sevizzi, minacci u ngurji gravi fil-konfront ta' l-attrici; li rizultat ta' dan, l-attrici giet kostretta li tallontana ruhha mid-dar matrimonjali, u tfittex kenn gewwa Merhba Bik; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-

konvenut; [2] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja porzjon lil kull parti; [3] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment xieraq ghaliha; [4] tillikwida l-arretrati ta’ manteniment; [5] tapplika fil-konfront tal-konvenut, in toto jew in parte, id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi akkwiziti ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta’ Novembru 1966, u minn dan iz-zwieg kellhom sebghat itfal, li pero’ erba’ minnhom mietu, filwaqt li t-tlieta li baqghu hajjin huma maggjorenni.

Illi mill-verzjoni mhux kontraddetta ta’ l-attrici, jirrizulta li l-inkwiet principali bejn il-partijiet kien dovut ghax-xehha da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, kif ukoll ghall-problemi ta’ finanzi naxxenti mill-fatt li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob. Dan gab hafna tbatija fuq l-attrici, rizultat tal-komportament abbuziv da parti ta’ zewgha, konsistenti fil-fatt li hu kien ihalliha nieqsa mill-flus ghall-hajja nonostante li f’ perijodu tal-hajja konjugali kellhom

sebghat itfal, kif ukoll, minhabba l-agir dominanti u pussessiv ta' zewgha.

Tghid li "kull meta kont narah id-dar mill-ewwel kont nghidlu biex jaghtini l-flus, u kien jibda jghajjat u jidghi, u jghidli li mohhni fil-flus."[1]

Tghid li "kellu pussess fuqi fis-sens li ma kienx iridni nohrog, u jekk jista' jkun ihallini maqfula d-dar."[2] Hija tispjega li kienet issaportiet din il-hajja, peress li t-tfal kienu ghadhom zghar, izda meta eventwalment kibru, hija telqet mid-dar konjugali u marret tghix Dar Merhba Bik. L-attrici tispjega li, anke meta ma baqghetx tghix fid-dar matrimonjali, "xorta wahda ninzel fid-dar matrimonjali taghha gewwa Hal-Qormi, sabiex nahslilhom il-hwejjeg lit-tfal li baqghu d-dar."[3]

Ferm il-premess, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, tort eskluzzivament tal-konvenut li bil-komportament abuziv tieghu, abitwali u ripetut, fil-konfront ta' l-attrici, kien irrenda l-konvivenza nsapportabbli ghall-attrici, u f' dan is-sens dan il-komportament jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Manteniment**

Illi mill-provi jirrizulta li fil-prezent, filwaqt li l-attrici ma' tahdimx, il-konvenut fis-sena 2007 irceva pensjoni fl-ammont ta' circa €540 fix-xahar, filwaqt li jirrizulta nkontestat li hu jaghmel xoghol b' introjtu mhux dikjarat.

Illi fic-cirkostanzi, anke tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa l-parti hatja ghas-separazzjoni, tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta' mija, sitta u tmenin ewro [€186]; liema ammont

---

[1] Fol.27
[2] Fol.27
[3] Fol.27

ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja skond l-indici ufficjali tal-gvern. Dan l-ammont ghandu jinqata' direttament minn kull beneficju jew assistenza socjali li l-konvenut ikun qed jircevi, u jintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

Illi rigward it-talba attrici ghall-likwidazzjoni tal-manteniment arretrat, il-Qorti tosserva li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi u mhumiex bizzejjed sabiex jigi likwidat dan l-ammont.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fil-fond numru tlieta u erbghin [43] Triq il-Vitorja, Hal Qormi, u l-vettura Mercedes Benz ABL 279.

*Vettura - Mercedes Benz ABL 279.*
Illi mid-dokument prezentat mill-attrici jirrizulta li fis-sena 2008 il-konvenut kellu registrata fuq ismu din il-vettura li l-attrici tghid li baqghet fil-pussess tal-konvenut.
Il-Qorti, kemm-il darba din il-vettura fid-data tal-gudizzju odjern tkun ghadha fuq isem il-konvenut, tassenja sehem l-attrici lill-konvenut li, minn naha tieghu, qed jigi ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' erbghat-elef u sitt mitt liri maltin [€4,600] valur ta' sehem l-attrici, kkalkolat minn din il-Qorti arbitrio boni viri.

*Immobbli - [43] Triq il-Vitorja, Hal Qormi*
Illi mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li fis-16 ta' Marzu 1990 il-konvenut kien akkwista bid-dejn l-imsemmi fond.

Il-Qorti tordna li dan il-post jigi valutat mill-perit AIC Mario Cassar, li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partjiet, kemm-il darba l-partijiet ma jaqblux fuq valur; u l-post jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena, u fin-nuqqas, jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti bi prezz mhux inferjuri ghall-valur moghti mill-imsemmi perit; u r-rikavat, wara li jithallas minnu id-dejn gravanti l-fond, jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex porzjon minnhom jinghata lill-attrici, u l-porzjon l-iehor, wara li titnaqqas minnu l-imsemmija somma dovuta lill-attrici, jigi moghti lill-konvenut.

Illi kull dejn kuntrattat mill-parti ad insaputa tal-parti l-ohra jkun dovut unikament minn dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa’ t-talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’ tort uniku tal-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens li xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;

[4] tichad ir-raba’ talba;

[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------